**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Kaz Nru: 1316/2022

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Mark Anthony Mercieca)**

**kontra**

**DARREN RODENAS**

**(ID 452880(M))**

**Illum l-1 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat, **Darren Rodenas,** ta' wiehed u erbghin (41) sena, imwieled Pieta' fit-22 ta' Settembru 1980, iben Francis u Rosaria nee' Mifsud, resident fi 197, Flat 3, Triq an Albert, il-Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 452880M, senjatament akkuzat talli nhar l-4 ta' Settembru 2021 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta bi ksur tad-diposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali[1] ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz tieghu ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bil-ghan li jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

[1] Fol. 2 tal-atti processwali

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2022 fejn iddikjara li mill-investigazzjoni li saret mill-pulizija jirrizulta li s-sustanza importata kienet intiza biss ghall-uzu esklussiv tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni giet ippruvata skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reat li tieghu l-imputat ser jinsab hati, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni qabel ma' l-prosekuzzjoni bdiet tressaq provi in sostenn tal-kaz taghha, in-natura u l-ammont minimu ta' droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza esklussivament ghall-uzu personali tal-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 15A, 22(1)(a) and 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputat Darren Rodenas hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro (Eur. 500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (Eur. 50) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura

tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**